**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Charles Bellia, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 121381M.**

Kumpilazzjoni Nru. 460/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Bellia talli:

> Nhar il-20 ta' April, 2013, għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u l-għaxra ta' bil-lejl (22:00) ġewwa Triq il-Kappella ta' Santa Marija, limiti tan-Naxxar, seraq żewġ ċilindri tas-solar water heaters għad-detriment ta' Victor Carmel Borg kif ukoll International Sales Direct, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-ħin kif ukoll bil-lok.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi Victor Carmel Borg, il-parte leza xehed kif kien halla cilindri tas-*solar water heaters* fil-front garden tieghu, li hu miftuh miz-zewg nahat, fl-istess post fejn kien ukoll ihalli l-garbage bags u cioe' l-iskart biex jingabar. L-istess xhud tenna li hu ma kellu ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta li meta x-xhud identifika w ikkonfronta l-imputat bit-tehid tac-cilindri, dan mill-ewwel rritornahomlu.

Illi fix-xhieda tieghu kifukoll fl-istqarrija rrilaxxata sitt ijiem wara li c-cilindri kienu gew nieqsa, l-imputat sostna li hu kien haseb li dawn ic-cilindri kienu gew mormija w ghalhekk hadhom.

Illi ghalkemm l-Qorti tista' ma temminx dak li jghid l-imputat u ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat verament hasibx li oggetti mhollija fi front garden kienux intizi ghar-rimi, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Ghaldastant fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuza imputata lilu fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**